KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fid-19 ta' Ottubru 2016 [1]

Kawża C-60/15 P

Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Aċċess għall-informazzjoni ambjentali — Konvenzjoni ta' Aarhus — Artikolu 4(4)(a) — Motivi ta' rifjut tal-aċċess — Kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi — Regolament (KE) Nru 1367/2006 — Artikolu 6(1) — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Artikolu 4(3) u (5) — Protezzjoni tal-proċess deċiżjonali ta' istituzzjoni — Oppożizzjoni mmanifestata mill-Istat Membru — Informazzjoni dwar l-impjanti kkonċernati mill-proċedura ta' allokazzjoni ta' kwota ta' emissjoni ta' gassijiet serra — Rifjut parzjali ta' aċċess"

Introduction

1. B'dan l-appell, Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-11 ta' Diċembru 2014, Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-476/12, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2014:1059), li permezz tagħha din kienet ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2013 (GestDem 3273/2012), li tiċħad parzjalment talba għal aċċess għal dokument mibgħut lill-Kummissjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-kuntest tal-proċedura ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra li jissemmew fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE [2] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

2. Il-problema legali mqajma minn dan l-appell ser twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddelibera fuq il-prinċipju ta' interpretazzjoni stretta tal-motivi ta' rifjut ta'aċċess għall-informazzjoni ambjentali [3], imsemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 [4], u tinterpreta l-motiv ta' rifjut marbut mas-sigriet tad-deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, imsemmi fl-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-Informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Aarhus") [5].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 1, Vol. 7, p. 631).

3 — Ninnota li din il-problema, *inter alia*, tqajmet f'appell ieħor quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Client Earth vs Il-Kummissjoni Ewropea (C 57/16 P), li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

4 — Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, p. 13).

5 — Konvenzjoni ffirmata f'Aarhus (id-Danimarka) fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 164M, p. 17).

Il-kuntest ġuridiku

3. L-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprovdi dan li ġej:

"1. Kull parti għandha tagħmel mezz li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi li ġejjin ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet pubbliċi jqegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-informazzjoni dwar l-ambjent li tintalab mingħandom […]:

a) il-pubbliku ma jkollux għalfejn jinvoka interess partikolari;

[…]

4. Talba għal informazzjoni dwar l-ambjent tista' tiġi miċħuda fil-każ fejn l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni jkollu effett ħażin fuq:

a) il-kunfidenzjalità tal-proċeduri tal-awtoritajiet pubbliċi meta din il-kunfidenzjalità tkun prevista skont id-dritt intern;

[…]

Ir-raġunijiet għal rifjut imsemmija iktar 'il fuq għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, b'kont meħud tal-interess pubbliku fl-iżvelar u skont jekk din l-informazzjoni mitluba tirrigwardax emissjonijiet fl-ambjent.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4. L-Artikolu 4(3) u (5) tar-Regolament Nru 1049/2001 [6], intitolat "Eċċezzjonijiet", jipprovdi:

"3. Aċċess għad-dokument, miktub minn istituzzjoni għall-użu intern jew irċevut minn istituzzjoni, dwar kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttieħditx mill-istituzzjoni, għandu jiġi rifjutat jekk l-iżvelar tad-dokument serjament idgħajjef il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, jekk m'hemmx interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

[…]

5. Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni sabiex ma tiżvelax dokument li ġej minn dak l-Istat Membru jekk ma' jkunx ġie miftiehem hekk minn qabel."

5. L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1367/2006, intitolat "Applikazzjoni ta' eċċezzjonijiet fir-rigward ta' talbiet għall-aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent", jipprovdi:

"Fir-rigward ta' l-ewwel u t-tielet inċiżi ta' l-Arikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, b'eċċezzjoni għal investigazzjonijiet, b'mod partikolari dawk dwar ksur possibli tal-liġi Komunitarja, għandu jitqies li jeżisti interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar fejn l-informazzjoni mitluba tkun konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent. Fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001], ir-raġunijiet għal rifjut għandu jiġi interpretat b' mod restrittiv, b'kont meħud ta' l-interess pubbliku moqdi bil-kxif u jekk l-informazzjoni mitluba tkunx konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent."

6 — Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

Il-fatti li taw lok għall-kawża

6. Il-fatti li taw lok għal din il-kawża, kif deskritti fis-sentenza appellata, jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.

7. Saint-Gobain Glass Deutschland hija kumpannija attiva fuq is-suq mondjali tal-ħġieġ, li topera impjanti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87.

8. Bl-ittra tat-3 ta' Lulju 2012, ir-rikorrenti talbet lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħtiha kopja tad-dokument mibgħut mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-kuntest tal-proċedura ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjoni mingħajr ħlas imsemmija fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87. Dan id-dokument jinkludi informazzjoni dwar ċerti impjanti tal-appellanti li jinsabu fuq it-territorju Ġermaniż, b'mod partikolari data dwar il-"kapaċitajiet inizjali installati" u dwar in-numru proviżorju ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati għall-perijodu bejn l-2013 u l-2020.

9. Wara li din it-talba inizjali ġiet miċħuda, bl-ittra tas-7 ta' Awwissu 2012 ir-rikorrenti ppreżentat talba konfermatorja għal aċċess għad-dokumenti.

10. Ċerta informazzjoni kkonċernata kienet ġiet ippubblikata mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

11. Bid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tat aċċess parzjali għall-informazzjoni mitluba, jiġifieri għall-informazzjoni magħmula pubblika mill-awtoritajiet Ġermaniżi, kif ukoll għal ċerta informazzjoni oħra mhux essenzjali, u rrifjutat l-aċċess għall-bqija tal-informazzjoni.

12. Minn naħa, il-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni ta' rifjut tagħha fuq l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, billi kkunsidrat li l-iżvelar sħiħ tal-informazzjoni mitluba kien ser jimmina serjament il-proċess deċiżjonali tagħha li kien għadu għaddej u kien jinvolvi madwar 12 000 impjant f'27 Stat Membru ta' dak iż-żmien. Skont il-Kummissjoni, komunikazzjoni sħiħa ta' dik l-informazzjoni kienet tippermetti lill-pubbliku, u, b'mod partikolari, lill-impriżi kkonċernati, li jqajmu kwistjonijiet jew jifformulaw kritika fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri, u dan seta' jinterferixxi fil-proċess deċiżjonali kemm quddiem il-Kummissjoni kif ukoll quddiem l-Istati Membri. Min-naħa tagħhom, dawn l-interferenzi setgħu jtawlu serjament dak il-proċess deċiżjonali u jagħmlu ħsara lid-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

13. Il-Kummissjoni ma tikkontestax l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, li jiġġustifika l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba, filwaqt li jispeċifika li l-interessi invokati mir-rikorrenti fit-talba tagħha kienu ta' natura privata. F'dan il-każ, l-interessi prijoritarji kienu dawk li jiġi żgurat it-teħid ta' deċiżjonijiet liberi minn kull interferenza esterna u li jinżamm l-ambjent ta' fiduċja bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ġermaniżi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li parti importanti mill-informazzjoni mitluba kienet diġà ġiet ippubblikata mill-awtoritajiet Ġermaniżi u indikat li għaldaqstant il-pubbliku kellu aċċess għall-elementi prinċipali tal-proġett ta' allokazzjoni armonizzata ta' kwoti ta' emissjonijiet bla ħlas.

14. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni speċifikat li, anki jekk l-informazzjoni mitluba mir-rikorrenti kienet tikkostitwixxi informazzjoni ambjentali, l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni li tippermetti li tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

15. Min-naħa l-oħra, għall-finijiet tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001, meta l-informazzjoni mitluba ġiet prodotta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Kummissjoni kkonsultat ma' dak l-Istat membru, li oppona ruħu għall-iżvelar tagħha. Dan l-Istat Membru ġġustifika l-oppożizzjoni tiegħu billi għamel riferiment għall-eċċezzjoni prevista fl-ewwel paragrafu

tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001. B'mod partikolari, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja argumentat li l-Kummissjoni kienet għadha ma ħaditx deċiżjoni fuq l-informazzjoni inkwistjoni u li l-pressjoni sabiex tingħata deċiżjoni fil-ħin kienet kbira. Il-Kummissjoni kkunsidrat li *prima facie* dawn il-motivi kienu rilevanti.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

16. B'rikors tal-31 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti ppreżentat kawża quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni ta' rifjut ta' aċċess.

17. Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti kienet adattat it-talbiet tar-rikors fl-ewwel istanza f'dak li jikkonċerna l-annullament ta' dik id-deċiżjoni.

18. Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 u, it-tieni wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001.

19. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala infondat u kkundannat lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

It-talbiet tal-partijiet

20. Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata u d-deċiżjoni kkontestata jew, sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

21. Il-Kummissjoni titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Analiżi tal-appell

22. Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tqajjem żewġ aggravji bbażati, l-ewwel wieħed, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 u, it-tieni wieħed, fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Fuq l-ewwel aggravju

Argumenti tal-partijiet

23. L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat b'mod wiesa' żżejjed il-motiv ta' rifjut ta' aċċess previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

24. Hija tindika li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ħażin li istituzzjoni tista' tuża dan il-motiv għal dokument "marbuta ma' kwistjoni li l-istituzzjoni ma tkunx għadha ħadet deċiżjoni dwarha " u li għaldaqstant l-applikazzjoni ma hijiex limitata għad-dokumenti stabbiliti fil-kuntest tal-proċess deċiżjonali ta' awtorità pubblika imma tkopri wkoll id-"dokumenti marbuta direttament mal-kwistjonijiet ttrattati f'dak il-proċess deċiżjonali" (punti 87 u 88 tas-sentenza appellata) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

25. L-appellanti targumenta li din l-interpretazzjoni, ibbażata fuq ġurisprudenza li ma taqax fil-qasam tal-aċċess għall-informazzjoni ambjentali, tikkontradixxi l-għan imfittex mill-Konvenzjoni ta' Aarhus, jiġifieri dak li jagħmel il-proċess deċiżjonali tal-awtoritajiet pubbliċi trasparenti fil-qasam ambjentali u li jippermetti lill-pubbliku li jeżerċita influwenza fuq dan il-proċess. Skont l-appellanti, il-motiv tas-sentenza appellata, li għandu jiġi ggarantit li l-proċeduri amministrattivi jistgħu jinżammu f'kull serenità u li jkunu protetti minn pressjonijiet esterni (punt 81 tas-sentenza appellata), huwa inkonsistenti ma' dan l-għan.

26. Fil-fehma tal-appellanti, id-dispożizzjoni rilevanti tal-konvenzjoni ta' Aarhus, jiġifieri l-Artikolu 4(4)(a) tagħha, ma tipproteġix il-proċedura amministrattiva kollha imma s-sigriet tad-deliberazzjonijiet biss. Il-kunċett ta' "deliberazzjonijiet" ikopri biss il-proċess konsultattiv u deċiżjonali intern għal dik l-awtorità li jirreferi għat-teħid ta' deċiżjoni fil-mertu, b'esklużjoni tal-fatti li abbażi tagħhom jitmexxa dan il-proċess, li ma humiex protetti. Il-possibbiltà biss li l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni jista' jqajjem kwistjonijiet u kritika ma għandhiex tkun biżżejjed sabiex tiġġustifika r-rifjut ta' aċċess għad-dokumenti, għaliex dawn il-kwistjonijiet u kritika huma inerenti għall-għan tat-trasparenza.

27. Il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel motiv. Minn naħa, hija targumenta li ma huwiex ammissibbli li l-appellanti tqajjem f'dan l-istadju allegata inkompatibbiltà tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 mal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Min-naħa l-oħra, hija tindika li jekk l-appellanti tixtieq tuża r-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi ma' dik il-konvenzjoni, dan ser ikun aggravju ġdid, li ma tqajjimx mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali.

28. Fuq il-mertu, il-Kummissjoni ssostni li l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, hija korretta. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kunċett ta' "deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi" li jissemma fl-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma huwiex limitat għall-proċess deliberattiv tal-awtoritajiet. Skont il-Kummissjoni, anke jekk dokument, bħal dak li huwa s-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata, ma jirrelatax għad-deliberazzjonijiet interni ta' awtorità pubblika, imma biss għal dak li jkun serva bħala bażi għalihom, l-aċċess għal dak id-dokument jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Fuq l-ammissibbiltà

29. Il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel aggravju billi ssostni li l-argument ibbażat fuq l-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jikkostitwixxi aggravju ġdid invokat għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell.

30. Infakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja aggravju li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-kuntest ta' appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għall-eżami tal-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali tal-motivi li jkunu ġew ittrattati quddiemha. Madankollu, din il-limitazzjoni ma tapplikax għall-argumenti li jikkostitwixxu biss amplifikazzjoni ta' argument diġà żviluppat fl-ewwel istanza [7].

31. F'dan il-każ, l-appellanti invokat quddiem il-Qorti Ġenerali ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, billi sostniet li l-motivi ta' rifjut ta' aċċess għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv. L-appellanti għamlet riferiment għall-għan tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li huwa

7 — Is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Areva *et* vs Il-Kummissjoni (C-247/11 P u C-253/11 P, EU:C:2014:257, punti 113 u 114 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

intiż sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Hija sostniet li l-motiv invokat mill-Kummissjoni ma kienx jippermetti li jiġi rrifjutat l-aċċess għall-informazzjoni fattwali li ma tirrigwardax il-proċess deċiżjonali *stricto sensu*, imma tirrigwarda biss il-bażi fattwali ta' dan il-proċess (ara, b'mod partikolari, il-punti 41 u 86 tas-sentenza appellata).

32. Fil-kuntest tal-ewwel aggravju tal-appell, l-appellanti qajmet argumenti simili u, barra minn hekk, indikat li l-interpretazzjoni li hija tipproponi tirriżulta wkoll mill-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

33. Ninnota li, kif jirriżulta wkoll mill-argumenti ppreżentati waqt is-seduta, l-appellanti ma tinvokax il-Konvenzjoni ta' Aarhus sabiex tikkontesta l-validità tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li effettivament ikun ibiddel il-portata tal-kawża, imma tistrieħ biss fuq ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni ta' dan ir-regolament f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

34. Issa, billi huwa fatt li, fl-ewwel istanza, l-appellanti kienet invokat il-ksur tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li jimplimenta l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, kellha tkun il-Qorti Ġenerali li tinterpreta d-dispożizzjoni invokata tar-regolament billi tieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dik il-konvenzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt internazzjonali [8].

35. F'dawn il-kundizzjonijiet, nikkunsidra li l-argument ibbażat fuq l-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jikkostitwixxi biss amplifikazzjoni ta' argument diġà żviluppat mill-appellanti fl-ewwel istanza, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

36. Minn dan isegwi li l-ewwel aggravju huwa ammissibbli.

Fuq il-mertu

– L-obbligu ta' interpretazzjoni konformi mal-Konvenzjoni ta' Aarhus

37. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus, approvata bid-Deċiżjoni 2005/370, tikkostitwixxi parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Meta daħlet parti mill-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Unjoni Ewropea ntrabtet b'mod partikolari li tiżgura, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, aċċess għall-informazzjoni fuq l-ambjent skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni [9].

38. Sabiex jissodisfa dak l-impenn, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta żewġ atti, id-Direttiva 2003/4/KE [10], indirizzata lill-Istati Membri, u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li jikkonċerna lill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-Unjoni.

39. Billi l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jiżgura l-kompatibbiltà tad-dritt tal-Unjoni mal-Konvenzjoni ta' Aarhus meta adotta dawn iż-żewġ atti, għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni t-test u l-għan ta' din il-konvenzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tagħhom [11].

8 — Is-sentenza tal-10 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-61/94, EU:C:1996:313, punt 52). Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

9 — Is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal u Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853, punt 35). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Ville de Lyon (C-524/09, EU:C:2010:822, punt 36), u tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 30).

10 — Direttiva 2003/4 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess tal-pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva 90/313KEE tal-Kunsill (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 375).

11 — Ara, f'dan is-sens, f'dak li jikkonċerna d-Direttiva 2003/4, is-sentenzi tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 40), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal u Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853, punt 37).

40. Ninnota, barra minn hekk, li huwa mixtieq li tiġi żgurata konsistenza fl-interpretazzjoni ta' dawn iż-żewġ atti – id-Direttiva 2003/4/KE u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 – sa fejn dawn jimplimentaw l-istess dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Huwa raġonevoli li jiġi kkunsidrat li, sakemm ma jkunx hemm indikazzjoni kuntrarja espliċita, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jimplimenta din il-konvenzjoni b'mod uniformi fid-dritt tal-Unjoni, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

41. Ninnota li dawn il-kunsiderazzjonijiet ġew aċċettati mill-partijiet. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ammettiet, fir-risposta tagħha, li l-motiv ta' rifjut invokat għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u b'mod konsistenti mal-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 2003/4.

– Il-kunċett ta' "deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi"

42. L'Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprovdi l-possibbiltà li jiġi rifjutat l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali fil-każ ta' preġudizzju għas-sigriet tad-deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, meta dan huwa previst fil-liġi. L-istess [12] motiv ta' rifjut huwa previst fl-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 2003/4.

43. Għandu jiġi kkonstatat li l-kliem ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jippreżenta ċerti diverġenzi lingwistiċi. F'dak li jikkonċerna t-test awtentiku tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-verżjoni fil-lingwa Franċiża tagħmel riferiment għad-"deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi", filwaqt li dik fil-lingwa Ingliża tuża l-frażi "proceedings [of public authorities]", li jista' jiftiehem f'sens iktar wiesa'.

44. L-istess, f'dak li jikkonċerna d-Direttiva 2003/4, ċerti verżjonijiet lingwistiċi jużaw kelma ekwivalenti għal "deliberazzjonijiet", jiġifieri "deliberazzjonijiet interni" [13], filwaqt li oħrajn jagħmlu riferiment, f'sens iktar wiesa', għall-kunfidenzjalità tal-proċeduri, tax-xogħlijiet jew ta' azzjonijiet proċedurali ta' awtorità pubblika [14].

45. Sabiex tingħata interpretazzjoni uniformi lid-dispożizzjoni kkonċernata, li tinsab fil-Konvenzjoni ta' Aarhus u fl-atti li jittrasponu din il-konvenzjoni fid-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-test u l-għan ta' dawn l-atti [15].

46. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva 2003/4 huma ntiżi sabiex jiżguraw l-aċċess miżjud tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali, billi jipprovdu d-dritt ta' aċċess bħala regola ġenerali u billi jillimitaw il-possibbiltà ta' rifjut għal xi każijiet partikolari kjarament iddefiniti [16]. Dawn l-atti jistabbilixxu l-prinċipju li l-motivi ta' rifjut ta' aċċess għandhom ikunu interpretati b'mod ristrett [17].

47. Fil-fehma tiegħi, fid-dawl ta' dan l-għan, il-kunċett ta' "deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi" ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jirreferi għall-proċedura kollha quddiem awtorità pubblika. Din l-interpretazzjoni, wiesgħa żżejjed, ma tippermettix li l-portata tal-motiv ta' rifjut ikkonċernat tiġi limitata u interpretata b'mod ristrett.

12 — L-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 2003/4 juża kelma analoga, jiġifieri "kunfidenzjalità" tad-deliberazzjonijiet.

13 — B'mod partikolari l-verżjonijiet fil-lingwi Franċiża, Ġermaniża (*Beratungen von Behörden*) u Taljana (*deliberazioni interne delle autorità pubbliche*).

14 — B'mod partikolari l-verżjonijiet fil-lingwi Ingliża, Litwana ([*valdžios institucijų*]*procesinių veiksmų konfidencialumas*), Olandiża (*handelingen van overheidsinstanties*) u Pollakka (*poufność działań organów władzy publicznej*). It-test Spanjol tad-Direttiva 2003/4 (*procedimientos de las autoridades públicas*) jiskarta t-traduzzjoni uffiċjali tal-konvenzjoni (*deliberaciones de las autoridades públicas*).

15 — Fid-dritt tal-Unjoni, f'każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni kkonċernata. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' April 2014, GSV (C-74/13, EU:C:2014:243, punt 27).

16 — Premessa 16 tad-Direttiva 2003/4.

17 — It-tieni sentenza tal-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u t-tieni sentenza tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4.

48. L-għażla ta' interpretazzjoni iktar stretta tal-kunċett ta' "deliberazzjonijiet", kif jirriżulta b'mod partikolari mill-verżjoni fil-lingwa Franċiża tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, jidhirli li hija sostnuta mix-xogħlijiet preparatorji.

49. Dispożizzjoni analoga diġà kienet tidher fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 90/313/KEE [18], li serviet bħala mudell waqt il-preparazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Il-verżjoni fil-lingwa Franċiża tad-Direttiva 90/313 tagħmel riferiment għad-"deliberazzjonijiet", u din l-istess kelma hija ripetuta fil-Konvenzjoni ta' Aarhus. Għaldaqstant l-awturi ta' din il-konvenzjoni għażlu li ma jissostitwixxux din il-kelma b'kelma iktar ġenerali.

50. Fil-fehma tiegħi, qari ristrett tal-motiv ta' rifjut ikkonċernat, bħala limitat għad-deliberazzjonijiet "interni" ta' awtorità, jista' jistrieħ ukoll fuq l-analiżi li jidher fil-linji gwida ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [19], li tikkostitwixxi dokument ta' spjega rilevanti għall-interpretazzjoni ta' din il-konvenzjoni, anki jekk hija nieqsa minn kull setgħa obbligatorja [20].

51. Għalhekk jiena nikkunsidra li l-kunċett ta' "deliberazzjonijiet" għandu jiftiehem li jinkludi biss l-istadju deliberattiv tal-proċeduri deċiżjonali, kif jissuġġerixxu l-kliem użati fil-verżjoni fil-lingwa Franċiża tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u fil-verżjonijiet fil-lingwa Ġermaniża, Franċiża u Taljana tad-Direttiva 2003/4.

52. F'dan ir-rigward, ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tinterpreta l-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 2003/4, minn angolu ċertament differenti, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Flachglas Torgau [21].

53. Meta interpretat il-kundizzjoni li l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet ta' awtorità pubblika għandha tkun "prevista mil-liġi", il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-kundizzjoni tirrikjedi b'mod partikolari li d-dritt nazzjonali jistabbilixxi kjarament il-portata tal-kunċett ta' "deliberazzjonijiet" imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 2003/4, li "jirreferu għall-istadji finali tal-proċess deċiżjonali tal-awtoritajiet pubbliċi" [22].

54. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma ppronunzjatx ruħha espressament fuq il-portata tal-kunċett ta' "deliberazzjonijiet" f'din is-sentenza, jista' jiġi dedott, fil-fehma tiegħi, li dan il-kunċett għandu jkun limitat kjarament u ma jistax ikopri l-proċedura kollha quddiem awtorità.

18 — Direttiva tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 1990 dwar l-aċċess ħieles għall-informazzjoni dwar l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 402).

19 — Ara S. Stec *et*, *The Aarhus Convention: An Implementation Guide*, Ġnus Magħquda, New York, Genève, 2000, p. 81. Skont il-linja gwida, "il-Konvenzjoni ta' Aarhus ma tagħtix definizzjoni tad-'deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi', imma waħda mill-interpretazzjonijiet hija li dawn jistgħu jkunu d-deliberazzjonijiet li jikkonċernaw l-operazzjonijiet interni ta' awtorità pubblika u mhux id-deliberazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi fuq kwistjonijiet tal-mertu li jaqgħu fil-qasam tal-kompetenza tagħhom" (p. 74 tal-verżjoni fil-lingwa Franċiża) ("The Convention does not define 'proceedings of public authorities' but one interpretation is that these may be proceedings concerning the internal operations of a public authority and not substantive proceedings conducted by the public authority in its area of competence"). L-istess pożizzjoni hija espressa fit-tieni edizzjoni tal-linja gwida (p. 86 tal-verżjoni fil-linga Ingliża). Ara d-dokument aċċessibbli fuq l-internet: http://www.unece.org/environmental-policy/conventions/public-participation/aarhus-convention/key-guidance-material.html.

20 — Is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal u Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853, punt 38).

21 — Is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012 (C-204/09, EU:C:2012:71).

22 — Is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 63).

55. Fil-konklużjonijiet tagħha f'dik l-istess kawża, l-Avukat Ġenerali Sharpston, filwaqt li enfasizzat id-diverġenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi, ikkunsidrat li l-kunċett ta' "deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi" għandu jikkonċerna biss l-iskambji ta' opinjonijiet u d-dibattiti fuq l-alternattivi politiċi fil-kuntest tal-proċeduri deċiżjonali [23]. Hija kienet għalhekk segwiet l-approċċ ristrett difiż mill-Kummissjoni f'dik il-kawża, ibbażat fuq il-verżjonijiet fil-lingwa Franċiża u Ġermaniża tad-Direttiva 2003/4 [24].

56. F'sentenza mogħtija wara s-sentenza Flachglas Torgau [25], invokota mill-appellanti, il-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva federali, il-Ġermanja) interpretat il-motiv ta' rifjut inkwistjoni bħala limitat għall-proċess deliberattiv bħala tali, jiġifieri l-proċess ta' riflessjoni fil-veru sens tal-kelma, b'esklużjoni tal-informazzjoni li tifforma l-bażi fattwali tad-deċiżjonijiet meħuda, li għandhom ikunu protetti biss meta huma jippermettu li jinġibdu konklużjonijiet ċari fuq dan il-proċess deliberattiv [26].

57. Jien nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tadotta essenzjalment l-istess interpretazzjoni f'din il-kawża. Dan l-approċċ ser jippermetti li tiġi żgurata konsistenza fl-applikazzjoni tal-istess motiv ta' rifjut, applikabbli, bis-saħħa tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

58. Ċertament, ma huwiex eskluż li, meta jimplimenta kunċett ġuridiku marbut ma' impenn internazzjonali, il-leġiżlatur tal-Unjoni jieħu inkunsiderazzjoni partikolaritajiet tal-funzjonament tal-Unjoni, li jista' jkun differenti mill-funzjonament ta' Stat Membru [27]. Madankollu, f'dan il-każ, ma narax kif dawn il-partikolaritajiet jistgħu jiġġustifikaw interpretazzjoni tal-kunċett ta' "deliberazzjonijiet" differenti minn dak li jirriżulta mid-Direttiva 2003/4.

59. Kif diġà indikajt, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, għandu jiġi interpretat b'mod konformi mal-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

60. L-eċċezzjoni dwar it-talbiet għal aċċess għall-informazzjoni prevista minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandha għalhekk tiftiehem li tkopri l-kunfidenzjalità tad-"deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi" u li tkopri l-informazzjoni li l-iżvelar tagħha jista' jippreġudika l-kunfidenzjalità tal-proċess deliberattiv fil-kuntest tal-proċeduri deċiżjonali. Din l-interpretazzjoni stretta teskludi *a priori*, kif issostni l-appellanti, l-informazzjoni li sempliċement tifforma l-bażi fattwali li jsostni l-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni.

61. Jiena konxju mill-fatt li din l-interpretazzjoni titbiegħed mill-kliem tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, li jsemmi kull "dokument, miktub minn istituzzjoni għall-użu intern jew riċevut minn istituzzjoni dwar kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttieħditx mill-istituzzjoni" [28].

23 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2011:413, punt 83).

24 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2011:413, punt 81). F'dik il-kawża, il-Gvern Ġermaniż kien sostna li l-kelma "deliberazzjonijiet" tinkludi l-iskambju tal-opinjonijiet bejn servizzi imma mhux id-data jew l-istatistika li jkunu servew ta' bażi għal dawk l-iskambji jew għad-deċiżjonijiet li jkunu segwewhom.

25 — Is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012 (C-204/09, EU:C:2012:71).

26 — Is-sentenza tat-2 ta' Awwissu 2012, 7 C 7.12, punti 26 u 27 (ECLI:DE:BVerwG:2012:020812U7C7.12.0).

27 — B'mod partikolari, kien billi ttieħdu inkunsiderazzjoni dawn il-partikolaritajiet li, f'dikjarazzjoni ddepożitata b'applikazzjoni tal-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Unjoni sostniet li "l-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom japplikaw il-Konvenzjoni fil-kuntest tar-regoli attwali u futuri tagħhom fil-qasam ta' aċċess għad-dokumenti u tar-regoli l-oħra rilevanti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja li s-suġġett tagħhom huwa kopert bil-konvenzjoni". Ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-612/13 P, EU:C:2015:486, punti 40 u 41).

28 — It-tieni paragrafu ta' dan l-istess artikolu, li ma huwiex invokat f'dan il-każ, jikkonċerna l-aċċess għal "dokument li fih opinjonijiet għall-użu intern bħala parti minn deliberazzjoni u konsultazzjonijiet preliminarji fl-istituzzjoni kkonċernat[a]".

62. Dan huwa dovut għall-fatt li, fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li ma jittrasponix il-motivi ta' rifjut kontenuti f'din il-konvenzjoni imma li jirrinvija għar-Regolament Nru 1049/2001, li ma jużax l-istess terminoloġija [29].

– Analiżi tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

63. Il-kritika fformulata mill-appellanti tirrigwarda, minn naħa, il-punti 80 sa 82 u, min-naħa l-oħra, il-punti 87 sa 89 tas-sentenza appellata.

64. Fil-punti 79 sa 85 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argument tal-appellanti li t-trasparenza u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini jimplikaw il-possibbiltà li tiġi fformulata kritika u kwistjonijiet dwar il-korrettezza tad-data, u għaldaqstant ir-riskju ta' din il-kritika ma jistax jikkostitwixxi motiv ta' rifjut ta' aċċess għall-informazzjoni (punt 79 tas-sentenza appellata).

65. F'dan ir-rigward, waqt li bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 1049/2001 [30], il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-proċedura amministrattiva inkwistjoni kienet timmerita protezzjoni msaħħa, la darba l-aċċess għall-informazzjoni dwarha kien ser jippermetti lill-interessati li jippruvaw jeżerċitaw influwenza fuq il-proċedura, u li għalhekk kien meħtieġ li dawn il-proċeduri amministrattivi jiġu protetti minn pressjonijiet esterni sabiex ma tiġix imminata s-serenità tad-dibattiti (punti 80 sa 81 tas-sentenza appellata).

66. Ninnota li dan ir-raġunament ġuridiku, perfettament validu fil-qasam tal-istħarriġ tal-konċentrazzjonijiet ikkonċernati fis-sentenza L-Isvezja vs MyTravel u l-Kummissjoni [31] ċċitata mill-Qorti Ġenerali, ma jistax jiġi traspost mingħajr riżerva fil-qasam tal-aċċess għall-informazzjoni ambjentali.

67. Kif tinnota korrettament l-appellanti, l-għan stess tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tal-atti leġiżlattivi li jimplimentaw din il-konvenzjoni fid-dritt tal-Unjoni huwa dak li tiġi żgurata trasparenza miżjuda fl-amministrazzjoni u li jingħata aċċess lill-pubbliku għall-informazzjoni fil-qasam tal-ambjent, sabiex tagħtih il-possibbiltà li jesprimi t-tħassib tiegħu [32].

68. Għaldaqstant, fil-qasam milqut bil-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-possibbiltà li tiġi fformulata kritika u li jsiru tentattivi sabiex jiġi influwenzat il-proċess deċiżjonali ma tistax tiġi invokata mill-amministrazzjoni bħala motiv ta' rifjut ta' aċċess għall-informazzjoni.

69. Isegwi li, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-informazzjoni mitluba kienet taqa' fil-qasam kolpit bil-Konvenzjoni ta' Aarhus u bir-Regolament (KE) Nru 1367/2006, il-kunsiderazzjoni, meħuda minn qasam ta' attività ieħor tal-Unjoni, li l-attività amministrattiva tal-Kummissjoni għandha, l-istess bħall-proċeduri ġudizzjarji [33], tiġi protetta sabiex tiġi żgurata s-serenità tad-dibatti (punt 81 tas-sentenza appellata) ma tistax isservi ta' bażi mingħajr ma jitwettaq żball ta' liġi.

29 — Ċerti awturi kienu nnotaw, fiż-żmien tat-traspożizzjoni tal-Konvenzjoni ta'Aarhus, li r-Regolament Nru 1049/2001 jinkludi elementi li ma humiex konformi ma' dik il-konvenzjoni. Ara L. Krämer, "Access to Environmental Information in an Open European Society – Directive 2003/4", *College of Europe Research Papers*, 5/2003, p. 28.

30 — Is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, L-Isvezja vs MyTravel u l-Kummissjoni (C-506/08 P, EU:C:2011:496, punti 86 u 87), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'dik il-kawża (EU:C:2011:107, punti 65 sa 67).

31 — Is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011(C-506/08 P, EU:C:2011:496).

32 — Ara l-premessa 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-premessa 1 tad-Direttiva 2003/4 u l-premessa 2 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

33 — Fil-konklużjonijiet iċċitati mill-Qorti Ġenerali, l-Avukat Ġenerali Kokott ikkunsidra li l-proċeduri amministrattiv fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, jistħoqqilhom jiġu protett minn pressjonijiet esterni, b'mod analogu għall-attività ġuidzzjarja. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża L-Isvezja vs MyTravel u l-Kummissjoni (C-506/08 P, EU:C:2011:107, punti 65 sa 67).

70. Barra minn hekk, il-motiv invokat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 82 tas-sentenza appellata, li l-attività amministrattiva ma tirrikjedix aċċess għall-informazzjoni daqstant wiesgħa daqs l-attività leġiżlattiva, huwa wkoll inapplikabbli fil-qasam kolpit bil-Konvenzjoni ta' Aarhus. Fil-fatt, din il-konvenzjoni hija intiża sabiex iżżid it-trasparenza prinċipalment fil-kuntest tal-attività amministrattiva, billi l-eżerċizzju tal-poteri leġiżlattivi huwa esklużmill-kamp ta' applikazzjoni tagħha [34].

71. Il-motivi li jissemmew fil-punti 80 sa 82 tas-sentenza appellata huma għaldaqstant irrikonċiljabbli mal-għanijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 u jiksru l-prinċipju ta' interpretazzjoni ristretta tal-motivi ta' rifjut ta' aċċess għall-informazzjoni, imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

72. Imbagħad, fil-punti 86 sa 89 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argument tal-appellanti li l-informazzjoni mitluba ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-motiv ta' rifjut invokat, billi huwa fatt li din ma setgħetx tiġi kkunsidrata li tirrigwarda l-proċess deċiżjonali nnifsu, imma kienet tirrigwarda biss il-bażi fattwali ta' dak il-proċess (punt 86 tas-sentenza appellata).

73. F'dan ir-rigward, filwaqt li għamlet riferiment għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, il-Qorti Ġenerali nnotat li istituzzjoni tista' tirrifjuta l-aċċess għal dokument "dwar kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttiħditx mill-istituzzjoni" billi fil-fehma tagħha, l-użu ta' din il-fraži tippermetti li din id-dispożizzjoni tiġi applikata għad-dokumenti marbuta direttament ma' kwistjonijiet ittrattati fil-proċess deċiżjonali (punti 87 u 88 tas-sentenza appellata).

74. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dan kien il-każ tal-informazzjoni inkwistjoni, għaliex kienet tirrigwarda data li l-Istati Membri kienu marbuta jibagħtu lill-Kummissjoni sabiex din tikkalklula l-kwoti bla ħlas ta' emissjoni ta' gassijiet serra, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87 u l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE [35]. Din l-informazzjoni kienet għaldaqstant "marbuta direttament mal-kwistjoni eżaminata fil-kuntest tal-proċess deċiżjonali" u għalhekk kienet "dwar kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttiħditx mill-istituzzjoni" (punti 89 u 90 tas-sentenza appellata).

75. Ninnota li r-raġonament adottat mill-Qorti Ġenerali ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li l-eċċezzjoni dwar it-talbiet ta' aċċess għad-dokumenti msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 għandha, fil-qasam kopert mill-Konvenzjoni ta' Aarhus u mir-Regolament (KE) Nru 1367/2006, tiġi interpretata b'mod ristrett u fid-dawl tal-lista limitattiva tal-motivi ta' rifjut prevista f'dik il-konvenzjoni.

76. Skont l-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, talba għal informazzjoni fuq l-ambjent tista' tiġi miċħuda fil-każ li timmina s-"sigriet tad-deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, meta dan is-sigriet huwa previst mid-dritt intern". Fil-fehma tiegħi, dan il-motiv ta' rifjut għandu jiftiehem fis-sens li jirreferi għall-proċess deliberattiv tal-proċeduri deċiżjonali u ma jkoprix l-intier tal-proċedura amministrattiva [36].

77. Fid-dawl ta' dan il-motiv ta' rifjut previst mill-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 adottata mill-Qorti Ġenerali fil-punti 87 sa 90 tas-sentenza appellata hija estensiva żżejjed għaliex tista' tkopri kull dokument li jkun jagħmel riferiment għal kwistjoni li dwarha awtorità pubblika tkun għadha ma ħaditx deċiżjoni [37].

34 — Anki jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jestendi s-sistema konvenzjonali wkoll għall-attività leġiżlattiva tal-Unjoni. Ara t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-premessa 7 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

35 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, p.1)

36 — Ara l-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 — Ninnota li fil-ġurisprudenza l-iktar riċenti dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali, il-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni notevolment iktar stretta ta' din id-dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001. Ara s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, PAN Europe vs Il-Kummissjoni (T-51/15, li ma ġietx ippubblikata, EU:T:2016:519, punti 30 sa 37).

78. Għalhekk il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' interpretazzjoni ristretta tal-motivi ta' rifjut imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, kif ukoll l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi mal-Konvenzjoni ta' Aarhus [38].

Konklużjoni preliminari

79. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jien inqis li, fil-punti 80 sa 90 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

80. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata, mingħajr ma huwa meħtieġ li jiġi eżaminat it-tieni aggravju tal-appell.

Fuq il-konsegwenzi tal-annullament tas-sentenza appellata

81. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tista', f'każ ta' annullament ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali, hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

82. Fil-fehma tiegħi, din il-kundizzjoni hija sodisfatta f'din il-kawża.

83. Quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti bbażat it-talba tagħha għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata, essenzjalment, fuq żewġ motivi, li l-ewwel wieħed minnhom kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

84. Jirriżulta mill-punti 76 sa 78 ta' dawn il-konklużjonijiet li dan il-motiv għandu jintlaqa'.

85. Kif innotat korrettament l-appellanti fir-rikors tagħha u fir-rikors korrettiv tagħha ppreżentati fl-ewwel istanza, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, billi kkunsidrat li l-informazzjoni mitluba kienet koperta bil-motiv ta' rifjut marbut mal-possibbiltà li jiddgħajjef serjament il-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni.

86. Billi din hija talba ta' aċċess għal informazzjoni ambjentali fis-sens tal-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, kif jaqblu l-partijiet, dan il-motiv ta' rifjut għandu, fid-dawl tal-Artikolu 4(4)(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, jiftiehem li huwa intiż sabiex jipproteġi l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet ta' awtorità pubblika.

87. Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma wrietx kif l-aċċess għall-informazzjoni li sempliċement tikkostitwixxi l-bażi fattwali ta' deċiżjoni futura tagħha, jiġifieri d-data mibgħuta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja neċessarja għall-kalkoli tal-kwoti bla ħlas ta' emissjoni ta' gassijiet serra, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87 u l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni 2011/278, tista' ddgħajjef il-proċess deliberattiv li jwassal għat-teħid ta' dik id-deċiżjoni.

38 — Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

88. Ir-raġunament adottat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, ibbażat fuq il-fatt li l-iżvelar sħiħ ta' dik l-informazzjoni ser iwassal lill-pubbliku li jqajjem kwistjonijiet jew jifformula kritika fir-rigward tal-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri, li jista' jwassal għal interferenza fil-proċess deċiżjonali, dewmien ta' dan il-proċess u li jagħmel ħsara lid-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, ma huwiex rilevanti għall-għan kemm tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 kif ukoll tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li huma intiżi sabiex iżidu t-trasparenza tal-attività amministrattiva fil-qasam tal-ambjent.

89. Barra minn hekk, bi ksur tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, id-deċiżjoni kkontestata tonqos milli tippreċiża jekk l-informazzjoni mitluba kinitx tirrigwarda, jew le, emissjonijiet fl-ambjent, u tieħu inkonsiderazzjoni l-interess pubbliku fl-iżvelar [39].

90. Fir-rigward tal-interess pubbliku, ninnota li wieħed mill-għanijiet tad-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali huwa dak li jissensibbilizza lill-pubbliku għall-kwistjonijiet ambjentali u jippermettilu li jesprimi t-tħassib tiegħu. Issa, kif innotat korrettement l-appellanti fir-replika tagħha fl-ewwel istanza, eventwali indikazzjonijiet mill-pubbliku ta' żbalji possibbli dwar id-data tal-Istati Membri ser jippermettu lill-Kummissjoni li twettaq il-funzjoni tagħha aħjar, kif previst fl-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2011/278.

91. Fl-aħħar nett, ninnota li ma huwiex rilevanti li, f'dan il-każ, it-talba ta' aċċess saret minn impriża li hija nnifisha benefiċjarja tas-sistema tal-kwoti bla ħlas. Id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali hija ggarantita lil kull persuna fiżika jew morali, mingħajr ma jkun meħtieġ li din tipprova l-interess tagħha [40]. Il-preżenza eventwali ta' dan l-interess hija għaldaqstant irrilevanti. Barra minn hekk, anki jekk l-appellanti, bħala benefiċjarja tal-kwoti, għandha interess partikolari fl-informazzjoni użata sabiex tikkalkola li l-kwoti jkunu korretti, ma huwiex eskluż li dan l-interess jikkoinċidi mal-interess pubbliku li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet dwar l-ambjent fuq il-bażi ta' informazzjoni korretta u aġġornata.

92. Għaldaqstant, għandu jintlaqa' l-ewwel aggravju tar-rikors u tiġi annullata d-deċiżjoni kontestata mingħajr il-ħtieġa li jiġi eżaminat it-tieni aggravju tar-rikors fl-ewwel istanza, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001.

93. F'kull każ, din l-aħħar dispożizzjoni ma tikkostitwixxix f'dan il-każ motiv ta' rifjut verament awtonomu, li tista' tiġġustifika li tinżamm id-deċiżjoni kontestata. Fil-fatt, l-oppożizzjoni murija mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001, hija wkoll immotivata mill-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni, prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) ta' dan ir-regolament (punt 127 tas-sentenza appellata).

Konklużjoni

94. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-11 ta' Diċembru 2014, Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-476/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1059);,

39 — F'kuntest simili, rigward l-aċċess għall-informazzjoni fuq il-bejgħ tad-drittijiet ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Ville de Lyon (C-524/09, EU:C:2010:613, punti 69 sa 74). Ninnota li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 4(2), tad-Direttiva 2003/4 jeskludi l-possibbiltà li jintuża dan il-motiv ta' rifjut dwar il-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, meta t-talba ta' aċċess tirrigwarda informazzjoni dwar emissjonijiet. Anki jekk ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma jinkludix din il-limitazzjoni, għandi dubji dwar kemm il-Kummissjoni tista' tinvoka b'suċċess dan il-motiv fl-istess każ, billi hemm qbil li din il-possibbiltà ma hijiex mogħtija lill-Istati Membri.

40 — Premessa 8 tad-Direttiva 2003/4. Ara s-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal u Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853; punt 36), u tas-6 ta' Ottubru 2015, East Sussex County Council (C-71/14, EU:C:2015:656, punt 56).

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-17 ta' Jannar 2013 (GestDem 3273/2012), li tiċħad parzjalment talba għal aċċess għal dokument mibgħut lill-Kummissjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-kuntest tal-proċedura ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra li jissemmew fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.